MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 1232/1997/1

**L & A Camilleri Limited**

**Vs**

**Medairco Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandiex tkun ikkundannata li, fi zmien qasir u perentorju, tibdel u tistalla mill-gdid a spejjes tas-socjeta' konvenuta, il-heating element kif ukoll kull part ohra li tirrizulta necessarja tal-boiler "Rycroft Vertical Copper Electric Storage Calorifier, Type MECE", liema parts irrizultaw difettuzi meta nqalghu gimghatejn ilu mill-boiler li s-socjeta attrici xtrat minghand is-socjeta konvenuta, liema boiler gie mis-socjeta konvenuta stallat u kummissjonat fl-indirizz "Il-Passero" Thomas Ashby Street, Marsascala, f'dawn l-ahhar xhur (fl-4 ta' Marzu

1997), u tirripara l-istess apparat b'mod sodisfacenti skond il-Ligi.

Fin-nuqqas il-Qorti giet mitluba tghid kif ghandha tigi ezegwita s-sentenza a bazi tal-Artikolu 222 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta konvenuta, li giet ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghad-danni. Ghall fini tal-kompetenza, jigi dikjarat illi l-valur tal-parts in kwistjoni u x-xoghol necessarju, ma jeccedix Lm1,000.

Rat in-nota tal-eccezzonjiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 4 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-apparat in kwistjoni m'humiex difettuzi kif qed jigu allegati mill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, waqt li s-socjeta konvenuta ma ipproduciet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnha, dik attrici gabet a konjizzjoni tal-istess Qorti s-segwenti provi:-

1. <u>Pio Camilleri</u> (fol 9 et seq ibid) spjega li s-socjeta attrici kienet xtrat minghand dik konvenuta "boiler calorifier" ossija "geyser" kbir bil-parti relattivi sabiex jigi stallat fir-residenza ta' ibnu, Ludwig Camilleri li hi sitwata f'Wied il-Ghajn izda li hi proprjeta tal-istess socjeta attrici. Ghal dan l-iskop, is-socjeta attrici kienet inkarigat enginjier, Anthony Galea sabiex jiehu hsieb din l-ordni kif ukoll l-istallazzjoni tal-istess apparat. Meta l-istallazjoni giet finalizzata, l-istess apparat kien "tqabbad" minn impjegati tas-socjeta konvenuta u, wara li saru "testijiet" fejn, instab li kien qed jiffunzjona tajjeb. Wara li x-xhud sema li dan il-bejgh kien soggett ghal garanzija ta' sena, hu kompla jghid li, wara xahar u nofs mill-istallazzjoni, kien mar l-"element" tal-

istess appartat, li permezz tieghu jissahhan l-ilma. Wara li saru diversi diskuzzjonijiet bejn l-imsemmi Anthony Galea in rappresentanza tas-socjeta konvenuta dwar jekk l-istess “element” kienx jaqa’ that l-imsemmija garanzija, kien gie suggerit mis-socjeta konvenuta li din tissuplixxi “element” iehor, bi prezz altament ridott. Din il-proposta ma kienitx giet accettata. Izda s-socjeta attrici kienet disposta li thallas, depositu, minghajr pregudizzju tad-drittijiet taghha. In rigward dan, ghar-raguni spjegata fl-istess xhieda, is-socjeta konvenuta rrifjutat li tasal f’arrangament. Anzi rrifjutat li tbiegh “element” iehor kemm bi prezz ridott kemm bil-prezz reali. Ghalhekk, is-socjeta attrici kienet ghamlet kuntatt mas-socjeta estera li timmanifattura l-apparat in kwistjoni u din direttament, kienet konsenjat “element” iehor b’xejn. Pero anke dan, ma ffunzjonax u ghalhekk jidher li gie skonness sabiex jista jiffunzjona l-apparat in kwistjoni. A basi ta’ dan kollu, jidher li “…. L-“elements” in kwistjoni mhumiex tajbin ghal Malta peress li ghandna l-ilma taghna li ma jaqbilx ma dawn l-“elements” (Dwar il-premess ara b’mod specjali fol 26 u fol 31).

2. Difatti mir-<u>rapport</u> esebit in atti a fol 31 jinghad specifikatament, li “Element failure was due to excessive corrosion caused b exposure to extremely aggressive water conditions” ossija “… heavy waters”. Jinghad ukoll li “… the wrong type of heatwires bought for use in Malta” minhabba l-livell gholi ta’ inkwinanti (“contaminants”) f’ilma prodott permezz ta’ “reverse osmosis” jew “desalination” (ara ukoll fol32 u fol 33 ibid).

3. L-imsemmi <u>Ludwig Camilleri</u> xehed permezz ta’ affidavit a fol 37 u fol 38. Dan fis-sustanza ikkonferma dak li kien di gja xehed missieru, Pio Camilleri. Inoltre bl-istess procedura kien xehed l-Inginier <u>Anthony Galea</u> (fol 47 ibid) in sostenn tal-istess fatti, kif hawn fuq premessi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher li s-socjeta konvenuta kienet issuplixxiet l-apparat in kwistjoni kontenenti “heating element” <u>difettuz</u> fis-sens li fih kien hemm stallat “part” <u>mhux idonew</u>, ghall-uzu intiz ghalih, hawn Malta u in rigward dan, kif jidher a fol 31 u fol 40 kien gie suggerit li

jintuza element b'"low watts density nicalloy 825 sheathed elements, combined with a water softener"

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja, inghad ma ingieb xejn a konjizzjoni tal-Qorti sabiex is-socjeta' konvenuta tikkontrobatti dak kollu premess kemm bhala fatt kemm mill-lat legali u ghalhekk, dak mitlub fl-avviz in esami ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u :

1. tikkundanna lis-socjeta konvenuta, sabiex fi zmien xahrejn millum tibdel u tistalla mill-gdid u a spejjes taghha, il-'heating element kif ukoll kull part ohra li tirrizulta necessarja tal-boiler "Rycroft Vertical Copper Electric Storage Calorifier, Type MECE", liema parts irrizultaw difettuzi meta nqalghu gimghatejn ilu mill-boiler li s-socjeta attrici xtrat minghand is-socjeta konvenuta, liema boiler gie mis-socjeta konvenuta stallat u kummissjonat fl-indirizz "Il-Passero" Thomas Ashby Street, Marsascala, f'dawn l-ahhar xhur (fl-4 ta' Marzu 1997), u tirripara l-istess apparat b'mod sodisfacenti skond il-Ligi u;
2. Fin-nuqqas li jsir dan fiz-zmien prefiss tawtorizza lill-istess socjeta attrici a basi tal-artikolu 222 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, dejjem a spejjes tas-socjeta' konvenuta, tibdel u tistalla, hi stess, 'heating element' u kull 'part' ohra necessarja, sabiex l-imsemmi apparat jkun jista' jiffunzjona tajjeb.

Bl-ispejjes ta' din l-procedura kontra l-istess socjeta konvenuta u b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-istess socjeta attrici inkluzi danni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------